**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru 353/2021 RM**

**Davy Van Den Bosch**

Detentur ta' passaport Olandiż numru 204961622, debitament rappreżentat mill-Avukati Dr. Adrian Mallia u Dr. Sarah Farrugia

**-Vs-**

**Shark 77 Limited (C 78760)**

**Illum, 11 ta' Ottubru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mill-attur Davy Van Den Bosch fir-Reġistru tal-Qorti fit-22 ta' Diċembru 2021 fejn talab li Shark 77 Limited tiġi kkundannata tħallsu s-somma ta' disat elef erba' mija u sitta u tletin ewro (€9,436) (jew somma ohra verjuri) liema ammont jikkonsisti fi flus preżenti f'kont miftuħ mir-rikkorenti mal-'online sportsbook' tieghu opperat mis-sit www.18bet.com, u dan wara li huwa, unilateralment, arbitarjament u mingħajr ebda raġuni valida rrifjuta li jirrifondi dan l-ammont lill-istess ammont (jew somma ohra verjuri) minkejja diversi talbiet maghmula mir-

rikorrenti. Bl-ispejjeż kollha, inkluż anke l-ispejjeż tal-ittra ufficjali 166A bin-numru 1606/2021 kontra s-socjeta' konvenuta li hi minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta tas-soċjeta’ konvenuta Shark 77 Limited ippreżentata fir-Reġsitru fit-3 ta’ Frar 2022 fejn ġie eċċepit:-

1. *Illi t-talba tar-rikkorenti, in kwantu l-eccipjenti qed tigi mitluba li twettaq il-hlas tas-somma ta' €9,436.00, qed tigi respinta u kkontestata stante illi hija legalment u fattwalment infondata, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghaliex l-ammont pretiz, mhux dovut mill-eccipjenti.*
2. *Illi kif 'gia gie rilevat mill-eccipjenti f'diversi okkazjonijiet precedenti, kemm permezz ta' korrispondenza skambjata bejn il-partijiet u anke permezz tar-risposta li gietipprezentata mill-eccipjenti fl-atti tal-ittra ufficjali ntavolata mir-rikorrenti fil-konfront tal-eccipjenti, it-talba tar-rikorrenti ghall-hlas tas-somma mseemmija hija kkontestata u qed tigi rigettata u michuda mis-socjeta' eccipjenti in kwantu rrizulta illi r-rikorrenti kiser il-kundizzjonijiet tal-ftehim vigenti bejn il-partijiet, liema kundizzjonijiet (terms and conditions) jirregolaw ir-relazzjoni kuntrattwali ta' bejn l-istess partijiet, u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*
3. *Illi ghalhekk l-eccipjeti qed tikkontesta u tichad it-talba tar-rikkorenti ghall-hlas tas-somma mitluba minnu permezz ta' dawn il-proceduri.*
4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.*

Rat id-digriet tagħha mogħti *in camera* fl-14 ta’ Awwissu 2023 a tenur tal-Artikolu 173(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat illi ż-żewġ partijiet iddikjaraw li mhux meħtieġ li l-provi u l-atti proċesswali li saru bil-lingwa Ingliża jiġu tradotti formalment għal-lingwa Maltija;

Semgħet ix-xhieda inkluż dik li nsemgħet permezz ta' kollegament bil-vidjo-konferenza ai termini tal-Artikolu 199A tal-Kap. 12;

Rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha akkwiżiti inkluż l-Affidavit tal-attur u l-Affidavit ta' Dany Nachmias;

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-attr fil-21 ta' Lulju 2023 in ottemperanza mad-digriet tagħha tat-12 ta' Ġunju 2023;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva ippreżentata mis-soċjeta konvenuta fl-14 ta' Settembru 2023, kif awtorizzat;

Rat illi l-kawza ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur jitlob ir-rifużjoni ta' ammont ta' flus, rappreżentanti rebħ minn diversi *bets*, liema ammont kien depożitat f'kont f'ismu, imsejjaħ "*online sportsbook*" li huwa operat mis-sit elettroniku tas-soċjeta' konvenuta www.18bet.com.

Is-soċjeta' konvenuta tilqa' għal din it-talba billi tikkontendi illi t-talba tal-attur għar-rifużjoni tal-flus depożitati fil-kont in diżamina, m'hijiex mistħoqqa għaliex huwa kien mexa bi ksur tal-kuntratt li jirregola r-relazzjoni bejn il-partijiet u b'hekk kellha s-setgħa tikkonfiska l-ammont mirbuħ bi ksur tal-obbligi kuntrattwali.

Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi jirriżulta illi f'Diċembru 2014 l-attur kien irreġistra mas-sit elettroniku www.18bet.com - li huwa sit fejn dak li jkun jista' jagħmel imħatri fosthom fil-qasam tal-isport - fetaħ kont bil-user name 'springplank', u ddikjara li huwa jirrisjedji ġewwa l-Olanda.  Huwa kien juża IP addresses differenti

biex jikseb aċċess għal dan il-kont, fosthom l-IP address 93.82.413.232. Is-soċjeta' konvenuta ġiet inkorporata f'Malta f'Diċembru 2016 u bdiet topera l-pjattaforma online '18bet.com' li qabel, anke fiż-żmien meta l-attur oriġinarjament fetaħ il-kont fuq dan is-sit, kienet operata minn kumpannija reġistrata fil-Curacao.

Hemm qbil illi bejn il-5 ta' Diċembru 2015 u t-3 ta' April 2018 dan il-kont ma kienx attiv u l-attur kellu jħallas *reactivation fee* biex seta' jerġa' juża l-kont tiegħu, u fil-fatt reġa' beda jużah f'Settembru 2018. Fis-7 ta' Ġunju 2019, huwa ġie infurmat[1] illi l-IP address tiegħu kien qed jintuża minn kont ieħor u b'hekk il-kont tiegħu ġie magħluq għaliex kellu kont idduplikat bi ksur tat-termini u kundizzjonijiet li kienu fis-seħħ dak iż-żmien. Dawn it-termini u kundizzjonijiet kienu jirregolaw fost oħrajn, l-aċċess u l-użu tal-kontijiet fuq is-sit '18bet.com', speċifikatament l-artikolu 3.8 tad-dokument intestat Terms & Conditions[2].

L-attur qed jitlob ir-rifużjoni tal-fondi rappreżentanti l-ammont li rebaħ fuq imħatri li oriġinaw mill-kont tiegħu bil-user namer 'springplank' liema fondi s-soċjeta' konvenuta rrifjutat li tħallashomlu. Mhux kontestat li l-ammont rappreżentanti fondi tal-attur li kien iddepożitati huwa stess fil-kont 'springplank', ġew rifużi lilu.

Jirriżulta illi l-attur, qabel istitwixxa dawn il-proċeduri, kien irreġistra lment mas-soċjeta' konvenuta dwar ir-rifjut tagħha li tħallsu l-fondi li baqgħu fil-kont tiegħu 'springplank' u dan tramite mekkaniżmu ta' 'Alternative Dispute Resolution' stabbilit fit-termini u kundizzjonijiet dwar l-użu tas-sit '18bet.com'[3]. Sar ukoll ilment lill-Awtorita' Maltija għal-Logħob (MGA) li kkomunikat id-deċiżjoni tagħha lill-attur permezz ta' email fil-15 ta' Lulju 2019, fejn infurmatu li meta l-operatur, is-soċjeta' konvenuta, irrifjutat li tħallsu l-fond rappreżentanti r-rebħ fil-kont tiegħu, aġixxiet skont ir-regolamenti tal-Awtorita' kif ukoll skont it-termini u kundizzjonijiet tal-użu li ġew aċċettati minnu meta kkrea l-kont tiegħu fuq is-sit '18bet.com', għaliex kienet identifikat l-eżistenza ta' kont idduplikat.

---

[1] Ara email Doc. DB3.
[2] Dok. Z1 esebit mis-soċjeta' konvenuta, paġna 104 *et sequitur* tal-atti tal-kawża.
[3] Artikolu 8.3, ara dokument paġna 32 *et seq.*

Ikkunsidrat;

It-teżi tas-soċjeta' konvenuta hi li l-attur ikkrea, allegatament, kont idduplikat meta t-termini u kundizzjonijiet dwar l-użu tas-sit '18bet.com' jiddisponu illi persuna reġistrata fuq is-sit jista' jkollha kont wieħed biss, u kull kont ieħor li jiġi reġistrat fuq is-sit li jidher li jkun assoċjat ma' persuna li diġa' għandha kont reġistrat f'isimha fuq l-istess sit, jitqies li huwa kont idduplikat. Is-soċjeta' konvenuta riżervat il-jedd li tagħlaq dawn il-kontijiet idduplikati fejn il-flejjes tal-klient li jkunu depożitati fil-kont jiġu rifużi lilu, filwaqt li hi tikkonfiska l-fondi mirbuħa minn imħatri li jkunu saru mill-kontijiet idduplikati.

Is-soċjeta' konvenuta tikkontendi li l-attur, li huwa reġistat fuq is-sit '18bet.com' bħala residenti fl-Olanda bil-user name 'springplank', ikkrea kont idduplikat bil-*user name* 'Martina0869' u kiseb aċċess għal dan il-kont biex jagħmel imħatri, bl-użu tal-istess IP address li huwa assoċjat mal-kont tiegħu bil-*user name* 'springplank' bl-iskop li jsir *match betting* irregolari biex iżid l-opportunitajiet ta' rebħ. Tikkontendi wkoll li l-attur, apparti li kien qed jagħmel użu minn kontijiet iddupplikati, kiseb ukoll aċċess għall-kont tiegħu fuq is-sit '18bet.com' bl-użu ta' VPN (*virtual private network*) li jikkostitwixxi attivita' li hija pprojibita mit-termini u kundizzjonijiet tal-kumpannija għaliex b'hekk, l-istess benefiċċjarju jkun jista' jopera kontijiet idduplikati billi jostor l-IP address reġistrat kif ukoll il-pożizzjoni ġeografika tiegħu bil-għan li jeludi s-sistemi ta' sigurta' li jidentifikaw attivita' konsistenti f'*match betting* irregolari. Targumenta wkoll illi l-attur kien konxju tal-fatt li l-użu ta' VPN fuq siti ta' logħob *online* huwa vjetat u tabilħaqq kien ikkonsulta t-termini u kundizzjonijiet preventivament qabel daħal fil-kont tiegħu bl-użu ta' VPN.

L-attur jiċħad illi huwa qatt fetaħ kont iddupplikat u li għamel imħatri dduplikati u jsostni li ma għandu ebda konnessjoni mal-kont bl-isem 'Martina0869', liema kont skont l-istess attur, huwa ineżistenti kif del resto ġie affermat lilu minn impjegati tas-soċjeta' konvenuta nnifisha f'komunikazzjonijiet li saru fuq *support chat* tas-sit

'18bet.com' meta huwa talab informazzjoni dwar dan l-istess kont[4]. Fir-rigward tal-użu ta' VPN, L-attur insista li huwa kien għamel użu minn VPN biex jikseb aċċess għall-kont tiegħu fuq '18bet.com' sabiex jista' jiġbed xi fondi appartenenti lilu, biss għaliex ma setax jikseb aċċess bl-użu tal-IP address li dejjem kien juża qabel biex jidħol fil-kont. Afferma illi qabel għamel użu minn VPN huwa kien ivverifika personalment it-termini u kundizzjonijiet tas-sit '18bet.com' dwar l-aċċess għall-kont u kkonkluda li dawn imkien ma kienu jipprovdu li l-użu ta' VPN biex jinkiseb aċċess għall-kont kien ipprojibit.

L-attur isostni illi wara li rnexxielu jikseb aċċess għall-kont tiegħu b'dan il-mod u wara li kien ġie infurmat fis-7 ta' Ġunju 2019 li l-kont tiegħu kien ġie magħluq għaliex instab li l-IP address tiegħu kien qed jintuża minn kont ieħor, kien ikkonferma ma' impjegati tas-soċjeta' konvenuta nnifisha fuq *support chat* tas-sit '18bet.com' li ma kien hemm ebda restrizzjoni dwar l-użu ta' VPN għall-aċċess fil-kont[5]. Jargumenta wkoll illi l-użu ta' VPN biex jinkiseb aċċess għall-kont tiegħu fuq '18bet.com' ma jfissirx li b'daqshekk ikun ikkrea kont iddupplikat u fisser li huwa kien għamel dan biss għaliex kien qed isib diffikolta' biex jidħol fil-kont bl-użu tal-IP address tar-residenza tiegħu li dejjem kien juża qabel[6].

Hija wkoll it-teżi tal-attur li l-użu ta' VPN biex jikseb aċċess għall-kont tiegħu m'huwiex vjetat mit-termini u kundizzjonijiet li kienu fis-seħħ dak iż-żmien iżda huwa vjetat espressament fit-termini u kundizzjonijiet aġġornati li ġew fis-seħħ in segwitu għad-dħul fil-kont tiegħu bl-użu ta' VPN f'Ġunju 2019, liema termini u kundizzjonijiet ġodda huwa qatt ma rċevihom jew ġie mgħarraf bihom u għalhekk qatt ma approvahom u ma jistgħux jiġu invokati biex jirregolaw l-aċċess għall-kont tiegħu fuq is-sit '18bet.com' jew ir-relazzjoni kuntrattwali tiegħu mas-soċjeta' konvenuta. L-attur jinsisti wkoll li huwa qatt ma sottometta xi talba għall-bdil tal-pajjiż tar-residenza tiegħu u dan dejjem kien u baqa' l-Olanda u l-bdil tal-pajjiż ta' residenza tiegħu fir-records interni ta' '18bet.com' mill-Olanda għall-Ġermanja sar mingħajr l-

[4] Ara Doc. DB5.1, DB 5.2.
[5] Ara chat Doc. DB2.
[6] Fir-rigward, ġie esebit *screensho*t li skont l-attur, juri li s-sit ma kienx qed jirrispondi meta prova jidħol fil-kont.

awtorizzazzjoni tiegħu.  Jiċħad li huwa qatt irrisjeda fil-Ġermanja u li qatt uża minn hemmhekk l-IP address bin-numru 93.82.413.232 biex jagħmel imħatri, jiddepożita xi fondi fil-kont jew jiġbed xi fondi mill-kont, iżda jaqbel li dan l-IP address intuża minnu biex jidħol fil-kont tiegħu (*log in*) minn diversi indirizzi differenti ġewwa l-Olanda[7].

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva illi mill-provi jirriżulta[8] illi matul ix-xhur ta' April u Mejju 2019, kienu qed isiru mħatri kważi kontestwali, b'ċirka minuta biss bejniethom, fuq l-istess logħbiet tal-baseball Ġappuniż, sija mill-kont 179071 bil-user name 'Martina0869' u sija wkoll mill-kont 91240 bil-user name 'springplank' (Dok. DB5.1 u DB5.2).  Dawn iż-żewġ kontijiet użaw l-istess IP address ċioe' 93.82.143.232.  Kif ingħad, l-attur innega li l-kont bil-user name 'Martina0869' jappartjeni lilu u li huwa involut b'xi mod f'dan il-kont u jiċħad ukoll li kellu kontijiet oħrajn assoċjati miegħu.  Kemm hu hekk, jiddeskrivi l-imħatri kważi kontemporanji li saru mill-kont tiegħu u mill-kont 'Martina0869' fuq l-istess logħbiet bħala "*miraklu*".  Iżda l-Qorti xejn m'hi sodisfatta li dawn id-diversi imħatri li saru fuq l-istess logħbiet – li bħala baseball Ġappuniż huma wkoll pjuttost partikolari - minn żewġ kontijiet differenti iżda bl-użu tal-istess IP address u lkoll kważi kontemporanjament, jistgħu raġjonvolment jitqiesu li saru b'koinċidenza.

Il-fatt illi l-aċċess għaż-żewġ kontijiet sar **bl-użu tal-istess IP address 93.82.143.232** għall-Qorti jfisser illi huwa stabbilit ness inkonfutabbli bejn iż-żewġ kontijiet, liema ness jissostanzja t-teżi tas-soċjeta' konvenuta li kien proprju l-attur li ħalaq kont ieħor bl-isem 'Martina0869' fuq is-sit '18bet.com' u kien qed jużah kontestwalment mal-kont bl-isem 'springplank' biex jagħmel imħatri fuq l-istess sit.  Għandu jingħad ukoll illi l-attur fix-xhieda tiegħu afferma illi huwa kien juża l-IP address fuq ċitat biex jidħol fil-kont tiegħu 'springplank' fuq is-sit '18bet.com'.

---

[7] Ara xhieda tal-attur in kontro-eżami, 26 ta' Ottubru 2022, paġna 47 u paġna 48 tal-atti tal-kawża.

[8] Ara Affidavit ta' Dany Nachmias, speċifikatament paġna 66 u paġna 67 tal-atti tal-kawża.

Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt illi fil-komunikazzjoni li saret fuq *support chat* tas-sit '18bet.com' (Doc. DB5.1 u Doc. DB5.2) intqal li l-kont bl-isem 'Martina0869' ma jeżistix, ma jikkostitwixxix prova li xxejjen il-verżjoni tas-soċjeta' konvenuta u l-provi li hija ressqet - anke quddiem l-Awtorita' Maltija dwar il-Logħob[9] - li l-kont bl-isem 'Martina0869' kien qed juża l-istess IP address tal-kont tal-attur. L-attur mhux talli ma għamel xejn biex jikkontesta jew jimmina l-valur probatorju tad-dokumenti li ġew esebiti mis-soċjeta' konvenuta bi prova li l-kont bl-isem 'Martina0869' kien jeżisti u kien tassew reġistrat fuq is-sit '18bet.com', talli esebixxa d-dokumenti huwa stess bi prova tal-eżistenza ta' dan il-kont permezz diversi dokumenti[10] u mingħajr ma allega f'xi waqt li dawn id-dokumenti huma foloz jew manipolati[11].

Fir-rigward tal-allegazzjoni tal-attur illi huwa uża VPN biex jikseb aċċess għall-kont tiegħu fuq '18bet.com' biss għaliex kien irriskontra problemi tekniċi biex jidħol fis-sit '18bet.com', il-Qorti bla tlaqliq tgħid li m'hijiex konvinta bil-veraċita' ta' din il-verżjoni. Id-dokument minnu esebit, Doc. DB1, in sostenn tal-verżjoni tiegħu li l-*website* ma kienx qed jaħdem kif suppost ("*the website was not loading properly*"[12]), ma fih ebda data u lanqas jidher li l-informazzjoni kollha meħtieġa għal dħul fis-sit imtliet kif mitlub, u **ma jistax jiġi stabbilit b'xi qies ta' konkretezza, jekk dan l-attentat ta' dħul fis-sit '18bet.com' sarx qabel jew wara li l-kont tal-attur ingħalaq fis-7 ta' Ġunju 2019 minħabba użu projibit tas-sit**. Anke l-fatt innifsu li l-attur ħa *screenshot* tal-website għaliex ma setax jikseb aċċess għall-kont tiegħu huwa, fil-fehma tal-Qorti, suspettuż u jagħti x'jifhem li l-attur għamel dan għaliex kien jaf li l-aċċess għall-kont tiegħu kien diġa' ġie mwaqqaf. Dan qed jingħad għaliex mhux raġjonevoli li f'każ ta' problema teknika f'sit elettroniku, tinħass il-ħtieġa li jittieħed ritratt tal-i*screen* u li jiġu verifikati preventivament it-termini u kundizzjonijiet biex jiġi stabbilit jekk l-aċċess għas-sit jistax jinkiseb bl-użu ta' VPN.

---

[9] Ara dokumenti esebiti mill-attur innifsu mal-Affidavit tiegħu.

[10] Doc. DB8, paġna 35 tal-atti tal-kawża u Doc. DB5, paġna 28 tal-atti tal-kawża.

[11] Fil-fatt, il-Qorti tosserva illi l-attur ipproduċa huwa stess dokument (paġna 26 tal-atti tal-kawża) b'elenku tal-imħatri li dwarhom qed jitlob il-ħlas tal-ammont mirbuħa, fejn fosthom dawn l-imħatri jinsabu dawk li saru b'kollużjoni mal-kont Martina0869 kif jidher fid-dokument f'paġna 28, u paġna 66A.

[12] Affidavit tal-attur.

Il-Qorti tistenna li jekk tassew kien hemm diffikoltajiet tekniċi ta' aċċess għall-kont tiegħu, l-attur jagħmel kuntratt ma' *customer care representative* tas-sit permezz ta' *support chat* - kif del resto jidher li kien jagħmel kull meta ried jikseb xi tagħrif dwar il-kont tiegħu - biex jistaqsi għal spjegazzjoni dwar ir-raġuni għad-diffikolta' li kien qed isib biex jidħol fil-kont tiegħu. Għalkemm huwa minnu li l-attur kien effettivament ikkomunika permezz ta' *support chat* tas-sit '18bet.com', jirriżulta li din il-komunikazzjoni saret ħafna żmien wara li ngħalaq il-kont tiegħu, u aktar minn hekk, ma jirriżultax li l-attur qatt staqsa għar-raġuni l-għala ma setax jidħol fil-kont kif kienet tistenna l-Qorti kieku tassew l-attur kien qiegħed ġenwinament jesperjenza diffikolta' ta' aċċess fil-kont.

Tosserva wkoll illi meta l-attur fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami, ġie mistoqsi għaliex ħass il-bżonn li jivverifika speċifikatament fuq is-*support chat* tas-sit '18bet.com', jekk kienx hemm restrizzjoni dwar l-użu ta' VPN għall-aċċess għall-kont tiegħu, huwa stqarr li għamel dan għaliex "*... when they blocked my account, I felt the urge to make sure a VPN is allowed.*" Dan għall-Qorti hi konferma konkreta tabilħaqq li l-attur kien diġa' jaf li l-kont tiegħu kien ġie mwaqqaf minħabba attivita' irregolari u jxejjen il-verżjoni preċedenti tiegħu illi huwa uża VPN biss għaliex is-sit ma kienx qed jaħdem kif suppost.

Kollox magħdud, il-Qorti hi sodisfatta li l-verżjoni tas-soċjeta' konvenuta illi l-attur kien qed jopera jew kellu kontroll ta' żewġ kontijiet fuq is-sit '18bet.com' fl-istess żmien, liema kontijiet kienu assoċjati flimkien, u kien qed jużahom kontemporanjament biex jagħmel imħatri minn fuq dan is-sit, hija iktar attendibbli minn dik tal-attur u sejra tingħata affidabbilita'. Hi sodisfatta wkoll li l-ispjegazzjoni tal-attur dwar l-użu ta' VPN m'hijiex waħda ġenwina u kollox jindika li f'dak il-waqt huwa kien diġa' jaf li l-kont tiegħu kien ġie magħluq minħabba l-assoċjazzjoni li ġiet identifikata bejn il-kont bl-isem 'springplank' u l-kont bl-isem 'Martina0869'

Għalhekk, jifdal biss li jiġi stabbilit jekk fir-rigward, l-attur mexiex bi ksur tat-termini u kundizzjonijiet li kienu applikabbli fiż-żmien in diżamina, ċioe' f'April u f'Mejju 2019 għall-użu tas-sit '18bet.com' mill-klienti reġistrati u jekk allura t-talba tiegħu għall-ħlas hijiex mistħoqqa.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva illi s-soċjeta' konvenuta ma tikkontestax il-quantum reklamat mill-attur in linea ta' fondi minnu mirbuħa fuq il-kont tiegħu bl-isem 'springplank'.

Tosserva wkoll illi mhux kontestat illi l-kopja tat-termini u kundizzjonijiet dwar l-użu tas-sit '18bet.com' li ġiet esebita mill-attur flimkien mal-Affidavit tiegħu, ma tirrappreżentax dawk it-termini u kundizzjonijiet li kienu fis-seħħ meta l-attur uża kontijiet idduplikati fuq is-sit in diżamina, ċioe' f'April 2019 u Mejju 2019. Fil-fatt, it-termini u kundizzjonijiet esebit mill-attur huma dawk li ġew aġġornati fis-6 ta' Awwissu 2021 (Doc. DB6).

Hu evidenti li teżisti differenza sostanzjali bejn il-klawsola 3.8 li ġiet invokata mis-soċjeta' konvenuta fis-7 ta' Ġunju 2019 meta ddeċidiet li tittermina l-kont tal-attur, u l-klawsoli 3.7 u 3.8 tat-termini u kundizzjonijiet aġġornati li ġew esebiti mill-attur. Dawn tal-aħħar jiddisponu:-

*"3.7 ... Registration is allowed only once per person, family, household address, email address, payment account number, site cookies, IP address and shared computer i.e. Public Library or workplace and cannot share any of the aforementioned with a previously registered account. This therefore also means that the player has to register personally. Further, a player can only have one account. Any other accounts which a player opens with Shark 77 Limited, or which are beneficially owned by the player shall be considered as duplicate accounts. We shall close accounts all account/s following the identification of the main account. Upon accounts closure,*

*deposits will be refunded and all bonuses, free bets and winnings acquired using those accounts will be void and forfeited. If the amount in the accounts does not cover the amount to be refunded to us, we shall seek to recover the loss directly from any other of your accounts.*

*3.8. A duplicate account is considered as such in any case where the account IP address, personal details, payment account number, site cookies matches with an already existing account with the company."*

Fil-fatt, il-partijiet kontendenti jaqblu li fiż-żmien meta l-kont tal-attur ġie magħluq, il-klawsoli kif appena ċitati ma kienux għadhom ġew fis-seħħ u għalhekk ma jsibux riskontru fil-fattispeċje ta' din il-kawża. Skont is-soċjeta' konvenuta, il-klawsola 3.8 fit-termini u kundizzjonijiet li ġew approvati[13] u pubblikati fit-12 ta' April 2017 u kienu għadhom applikabbli fiż-żmien tal-attivita' irregolari fil-kont tal-attur, kienet taqra kif ġej:-

"*3.8. The player's account must be registered in his/her own, personal and correct, name and personal details. The individual has to ensure that all data given at registration stage is true, complete and free from error. This therefore also means that the player has to register personally.* ***Furthermore, a player can only have one account. Any other accounts which a player opens with Shark 77 Limited, or which are beneficially owned by the player shall be considered as duplicate accounts. We shall close any duplicate account/s consequent to the identification of main account. If we close a duplicate account, deposits will be refunded, and all bonuses, free bets and winnings acquired from such promotions using that duplicate account will be void and forfeited****. If the amount in the duplicate account does not cover the amount to be refunded to us, we shall seek to recover the the loss incurred directly from any other of your accounts.*"[14] (emfasi tal-Qorti)

[13] Mill-MGA – ara Dok. Z2.

[14] Ara Dok. Z1, paġna 104 *et sequitur* tal-atti tal-kawża u Doc. 3, paġna 23 tal-atti tal-kawża.

L-attur ma jiċħadx l-applikabbilita' tal-klawsola 3.8 kif appena ċitata, għall-użu tas-sit '18bet.com' fiż-żmien meta l-kont tiegħu ingħalaq mis-soċjeta' konvenuta. Fil-fatt ma hemm xejn fl-atti u fil-provi li juri li fiż-żmien in diżamina it-termini u kundizzjonijiet dwar l-użu tas-sit kienu differenti minn dawk li ġew fis-seħħ fit-12 ta' April 2017 u l-attur innifsu jistqarr illi huwa reġa' attiva l-kont tiegħu fuq is-sit '18bet.com' f'Settembru 2018 wara perijodu ta' inattivita' u kien attiv ħafna fuq dan is-sit fiż-żmien meta kienu applikabbli dawn it-termini u kundizzjonijiet.

L-attur jikkontendi illi l-fatt li huwa uża VPN biex jidħol fil-kont tiegħu ma jfissirx li kien ikkrea kont idduplikat bi ksur tal-imsemmija klawsola. Kif inhu ġeneralment risaput, l-użu ta' VPN jassigura l-privatezza billi jagħti anonimita' lill-utenti tal-internet meta jiġu biex jaċċessaw servizzi u siti elettroniċi għaliex dan jostor l-IP address tal-utent u l-pożizjoni ġeografika fiżika tiegħu u b'hekk inaqqas il-possibilita' ta' identifikazzjoni tal-utent. Fil-fatt, l-attur innifsu xehed hekk fl-Affidavit tiegħu: "*In generic terms, a VPN replaces your actual IP address to make it look like you have connected to the internet from a different location.*" Fil-fehma tal-Qorti, l-użu ta' VPN da parti tal-attur biex jikkollega mal-kont tiegħu fuq is-sit '18bet.com' jispjega kif l-istess attur, meta ikkorrisponda mal-impjegati tas-soċjeta' attriċi fil-5 ta' Jannar 2023 fuq *support chat* tal-istess sit[15], deher li kien lokalizzat fid-Danimarka meta fil-fatt kien *ex admissis*, fl-Olanda[16], filwaqt li f'okkażjonijiet oħrajn meta kien ikkollega mal-kont tiegħu u wettaq transazzjonijiet, il-pożizzjoni ġeografika tiegħu ġiet identifikata bħala fil-Ġermanja u l-Awstrija u mhux l-Olanda[17].

Madankollu, il-Qorti fehmet illi d-deċiżjoni tas-soċjeta' konvenuta li l-attur uża l-kont tiegħu bi ksur tat-termini u kundizzjonijiet tal-użu tas-sit '18bet.com', ittieħdet mhux tant jew biss għaliex uża VPN biex jidħol fil-kont reġistrat f'ismu, iżda għaliex kien qed jopera kont ieħor bl-istess IP address li kien juża biex jopera l-kont tiegħu

---

[15] Dok. GB1.

[16] Ara xhieda tal-attur 23 ta' Frar 2023. Fiċ-chat ma' Ileen, l-attur jidher li kien qed juża IP address 178.171.55.150 li huwa reġistrat ġewwa Copenhagen fid-Danimarka, iżda fix-xhieda tiegħu l-attur ċaħad li huwa kien fiżikament preżenti fid-Danimarka meta bagħat il-messaġġi fuq dan iċ-chat.

[17] Ara korrispondenza skambjata bejn is-soċjeta' konvenuta u l-MGA, esebita mill-attur bħala Dok. DB8.

‘springplank’, kif ġia’ stabbilit. Skont is-soċjeta’ konvenuta, dan ifisser li l-kont l-ieħor bl-isem ‘Martina0869’ kien kont ikkontrollat mill-attur jew kont li huwa benefiċċjarju tiegħu l-attur. Dan diġa’ ġie stabbilit mill-fatt illi l-attivita’ fiż-żewġ kontijiet ‘springplank’ u ‘Martina0869’ mhux biss kienet simultanja iżda t-transazzjonijiet li ġew reġistrati fiż-żewġ kontijiet, saru fir-rigward l-istess logħobiet partikolari u mill-istess IP address. Il-Qorti taqbel li attivita’ bħal din ma tistax ħlief tfisser illi ż-żewġ kontijiet kienu operati b’kollużjoni mill-istess persuna jew għall-benefiċċju tal-istess persuna u konsegwentement, dan jiffigura bħala ksur tal-kundizzjoni li kull persuna jista’ jkollha biss kont wieħed b’dan illi kull kont ieħor tal-istess persuna jew li hija benefiċjarja tagħha l-istess persuna, titqies bħala duplicate account.

Għalkemm huwa minnu li fit-termini u kundizzjonijiet applikabbli fiż-żmien meta ġiet identifikata l-attivita’ suspettuża fil-kont tal-attur u l-kont ‘Martina0869’, ma kien hemm ebda definizzjoni espressa ta’ *duplicate account*, il-Qorti hi sodisfatta illi l-klassifikazzjoni tal-kont ‘Martina0869’ bħala *duplicate account* tal-kont reġistrat f’isem l-attur hi leġittima minħabba l-assoċjazzjoni evidenti bejn iż-żewġ kontijiet f’dak li huwa attivita’ kollużiva bl-użu tal-istess *device* u l-istess *network* biex sar il-kollegament mas-sit elettroniku ‘18bet.com’[18]. Tqis għalhekk illi fuq il-preponderanza tal-provi, is-soċjeta’ konvenuta rnexxielha tipprova li kienet seħħet attivita’ f’kont assoċjat ma’ dak tal-attur liema attivita’ kienet, fuq bażi ta’ bilanċ ta’ probabbilitajiet, operat mill-attur innifsu u b’hekk taqa’ fl-iskop ta’ kont idduplikat skont il-klawsola 3.8 tat-termini u kundizzjonijiet.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi s-soċjeta’ konvenuta aġixxiet entro l-parametri tad-diskrezzjoni riżervat lilha skont il-klawsola 3.8 tat-termini u kundizzjonijiet, meta ħadet id-deċiżjoni li tagħlaq il-kont tal-attur bl-isem ‘springplank’ u tikkonfiska l-

[18] *“In essence, IP addresses are the identifier that allows information to be sent between devices on a network: they contain location information and make devices accessible for communication. … each connected device has its own IP address.”* - Informazzjoni meħuda mis-sit elettroniku www.kapersky.com/resource-center/definitions/what-is-an-ip-address. Ukoll: *“Generally speaking, no two devices should have the same IP address unless they are behind a NAT device. Computers need routers to communicate with devices that are not on their same logical subnet”* - Informazzjoni meħuda minn www.techtarget.com, Michael Gregg, Superior Solutions Inc.

fondi kollha mirbuħa li bl-użu ta' kontijiet dupliċi u li kienet leġittima wkoll id-deċiżjoni tagħha li tirrifjuta li tħallas lill-attur is-somma minnu mitluba, rappreżentanti l-fondi li rebaħ bl-użu tal-kontijiet duplikati[19], liema fondi skont l-attur, jammontaw għas-somma komplessiva ta' €9,546.18[20].

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li qiegħda tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha fir-Risposta tas-soċjeta' konvenuta, tiċħad it-talba tal-attur bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess attur, Davy Van Den Bosch**.

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[19] Diversament mill-fondi tal-attur innifsu li kienu depożitati fil-kont – hemm qbil li dawn ġew rifużi lill-attur.
[20] Ara elenku f'paġna 26 tal-atti tal-kawża.